**Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur**

**Elaine Zammit Haber u Giovann Buttigieg**

**vs**

**Island Tech - Manuel Grech**

Illum 26 ta' Ġunju, 2015

It-Tribunal

Ra t-talba tal-11 ta' Lulju 2014.

Ra r-risposta tas-16 ta' Settembru 2014.

Ra l-atti kollha processwali, sema x-xhieda.

**Ikkunsidra**

Irrizulta illi f'xi zmien fl-2012, ir-rikorrenti Elaine Zammit Haber hadet il-kompjuter taghha ghat-tiswija ghand il-konvenut. Skond ir-rikorrenti, il-konvenut zamm il-kompjuter ghal xi zmien bl-iskuza li kien qed jistenna xi *parts* minn barra. Meta dawn waslu, l-kompjuter xorta ma hadimx u beda jaghti kull skuza lir-rikorrent biex dan il-kompjuter ma jigix konsenjat lilha.

Illi wara hafna luzingar fl-2013, ir-rikorrenti marru ghand l-intimat izda xorta ma hadux sodisfazzjon sakemm ir-rikorrenti ipprezentaw it-talba f'Lulju tal-2014. Provi dokumentarji dwar dan l-iskambju ma gewx ipprezentati.

Illi l-intimat minn-naha tieghu filwaqt li fir-risposta innega kwalunkwe konoxxenza ta' dan il-kompjuter u l-mawra tar-rikorrenti fil-hanut tieghu, fix-xhieda tieghu kostantament ighid illi ma jistax jeskludi kompletament li l-kompjuter kien gie moghti lilu ghat-tiswija u jispjega li normalment huwa dejjem jaghti ircevuta biex juri li l-oggett kien gie moghti lilu ghat-tiswija. Min-naha tieghu, l-intimat lanqas ma pprezenta xi kampjun ta' xi dokument illi jghid illi jaghti l-klijenti tieghu. Fir-risposta tieghu pero, jecepixxi l-preskrizzjoni biennali abbazi tal-art 2153 tal-Kap 12 (fil-fatt, Kap 16!).

Illi ghalhekk qabel mat-Tribunal jiddeciedi l-mertu, jrid jiddisponi minn din l-eccezzjoni. Skond ix-xhieda tar-rikorrenti, il-kompjuter ittiehed fl-ufficju tal-intimat fl-ewwel sitt xhur tal-2012. Din il-kawza giet ipprezentata f'Lulju tal-2014. Fil-frattemp, kien hemm hafna interventi u kuntatti min-naha tar-rikorrenti fejn l-intimat kien qieghed jittratjeni u jwieghdhom li ser igibillhom il-kompjuter, izda bejn skuza u ohra dan il-kompjuter qatt ma wasal.

**Ikkunsidra**

Illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li r-rikorrenti tkun qatghet qalbha milli ghad tiehu lura l-kompjuter - liema zmien jirrisali ghal xi ftit xhur qabel il-prezentata ta' dan ir-rikors. Persuna ma tistax tiehu vantagg minn nuqqas taghha. L-intimat kien fin-nuqqas, meta skond ir-rikorrenti zamm il-kompjuter, jew adirittura tilfu jew remih u gab l-iskuzi kollha biex ittawwal iz-zmien halli jkun f'posizzjoni jecepixxi l-preskrizzjoni favur tieghu. Dan ma jistax isir. Ghalhekk it-Tribunal qed jichad din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu, dan it-Tribunal huwa propens li jemmen il-versjoni tar-rikorrenti. Huwa moralment konvint illi l-fatti graw kif spjegaw ir-rikorrenti ghad illi kien hemm element ta' traskuragni min-naha tar-rikorrenti Zammit Haber illi ma talbitx xi forma ta' dokumentazzjoni li l-kompjuter kien fil-pussess tal-intimat. Pero ix-xhieda taghha bil-gurament hija prova u tidher ferm aktar verosimili mill-iskuzi tal-intimat quddiem dan it-Tribunal, mentri quddiem l-Awtorita' tal-Konsumatur ma nnegax il-possibilita' li l-kompjuter seta' ramih.

**Ikkunsidra**

Ghal dak li jirrigwarda l-ammont, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu s-somma ta' elfejn u tlett mitt Euro (€2,300). Min dann l-ammont ir-rikorrenti tahseb li ghaxar (10)snin ilu nefqet l-ammont ta' elf u mitejn Euro (€1200.00) fuq il-kompjuter wahdu. Ovvjament it-Tribunal ma jistax jilqa' dan l-ammont fl-intier tieghu u zgur li wara ghaxar (10) snin l-avvanz fit-teknologija u l-wear and tear igibu fix-xejn il-valur ta' dan il-kompjuter. Pero l-informazzjoni li kien hemm fuq dan il-kompjuter messu gie salvat mill-istess intimat meta rrejalizza illi minhabba teknologija superata ma setax jigi. salvat jew almenu javza lir-rikorrenti sabiex jiehdu hsieb dan il-back-up qabel ma jibda t-tiswija. Dak iz-zmien il-kompjuter kien fil-pussess tal-intimat u ghalhekk kien taht ir-responsabbilta' tieghu u bhala bonus paterfamilias messu assikura li d-data ma tintilifx, aktar u aktar meta kien ser jithallas tax-xoghol li kien ser jaghmel. Dan ipoggih in culpa u ghandu jhallas rizarciment lir-rikorrenti.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal ma tantx ghandu informazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-quantum tal-informazzjoni mitlufa fil-kompjuter u ghalhekk sejjer jirrikorri ghal konsiderazzjoni arbitrio bono viri ghad-determinazzjoni ta' dan l-ammont.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi f'dawn ic-cirkostanzi ghandu jilqa' t-talba tar-rikorrent ghal kumpens u jiffissa dan fl-ammont ta' hames mitt Euro (€500.00).

Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru